MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1145/2005

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni tal-bank attur biha ppremetta:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Sanction Letter datata 21 ta’ Marzu 2002 (Dok A), is-socjeta` attrici kienet ikkoncediet facilita` bankarja lill-konvenuti Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan;

Illi s-socjeta` attrici kienet tinsab kreditrici tal-konvenuti Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan fis-somma ta’ hamest elef, seba’ mija u hamsa u erbghin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm5,745.78) bilanc ghad-debitu fil-Loan Account ta’ Timothy u Arienne mizzewgin

Ellul Sullivan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-23 ta’ Novembru 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi kienu sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fis-Sanction Letter fuq imsemmija (prezentat mac-citazzjoni bhala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan (a) kienu naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici kif stipulat fl-imsemmija Sanction Letter u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess Sanction Letter sopraindikata, u/jew (c) kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan li kienu jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b’hekk il-konvenuti kienu ddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu kien sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa;

Illi l-konvenuti kienu gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Novembru, 2004 li kopja taghha giet esebita mac-citazzjoni u mmarkata Dok “C”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn kienu baqghu inadampjenti;

Il-bank attur talab lill-Qorti:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fis-Sanction Letter fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-bank attur kif stipulat fl-imsemmija sanction letter, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess sanction letter sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

(2) Tikkundanna lil Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef, seba' mija u hamsa u erbghin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm5,745.78) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-23 ta' Novembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed il-P.L. Joseph Zammit li qal li hu rapprezentant legali tal-Bank of Valletta. Ikkonferma li minn mindu giet prezentata c-citazzjoni sal-lum ma sar ebda hlas hlief ghal depozitu li sar f'Jannar ta' din is-sena ghall-ammont ta' Lm60 u ghalhekk illum il-gurnata l-ammont li hu dovut mill-konvenuti huwa ta' Lm5706.30.

Rat illi Dr. Dominic Cassar ghall-bank attur ipprezenta nota li biha rriduca l-ammont ghal hamest elef, seba' mija u sitt liri Maltin u tletin centezmu (Lm5706.30).

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati skond il-ligi ma dehrux illum u anqas ipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk, peress li t-talbiet tal-bank attur jidhru gustifikati, il-Qorti qedha tilqaghhom filwaqt li tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fis-Sanction Letter fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-bank attur kif stipulat fl-imsemmija sanction letter, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess sanction letter sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici. Tikkundanna lil Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma kif ridotta ta ta' hamest elef, seba' mija u sitt liri Maltin u tletin centezmu (Lm5706.30) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Timothy u Arienne mizzewgin Ellul Sullivan mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-23 ta' Novembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------